MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2010

Numru. 64/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**OLAF CINI ta' 49 sena, iben Loris u Elvira nee' Attard, imwieled Tal-Pieta' nhar is-17 ta' Lulju, 1960, residenti fil-fond numru 56, Triq Ghajn Dwieli, Paola, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 539560M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi OLAF CINI li gie akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, f'xi perjodu f'Ottubru, 2005 ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata, liema skrittura privata setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

2. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fit-18 ta' Ottubru, 2005, xjentement ghamel uzu minn skrittura private falza, liema skrittura privata setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

3. U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument falsifikat;

4. U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

5. U aktar talli b'hekk sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 et seq tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' l-Appell Kriminali, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li fi stadju ta' interrogatorju l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ghal akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat illi l-Avukat Generali baghat il-kunsens ghal proceduri sommarji a folio 8;

Rat li l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji quddiem din il-Qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi primarjament din il-kawza ticcentra dwar fax mibghuta mill-imputat biex permezz taghha jakkwista differiment f'kawza li gia' qed tinstema' quddiem din il-Qorti diversament preseduta, folio 16, DOK A.

Illi ftit kienu x-xhieda li ddeponew f'din il-kawza, senjalament fil-fatt din il-Qorti ser tistrieh fuq l-istqarrija ta' l-imputat, ix-xhieda tieghu viva voce, u xhieda ta' certu Godfrey Formosa.

Ghalhekk fl-istqarrija minnu rilaxxata Cini qal illi hu kien baghat l-email in kwistjoni. Spjega fil-fatt illi ma kienx Nick Ratcliffe li baghat l-email in kwistjoni, pero ghax kellu bzonn li jiddiferixxi l-kawza, ried juri lill-Qorti li l-export order kienet qed tiehu fit-tul. Qal li ghalkemm lil Ratcliffe kien qallu li kien ser jaghmel ittra lil Dr Busietta biex jiddiferixxi l-kawza, ma kienx qallu x'kien ser jaghmel. Jghid illi ghalhekk kiteb din l-email u baghatha lilu nnifsu taht il-firma ta' Ratcliffe. Ammetta li dik l-email Ratcliffe qatt ma raha. Jghid illi hu b'email ried biss jottjeni differiment tal-kawza, pero li l-kontenut ta' l-ittra kien veritjier. Mistoqsi ghalfejn dahhal lil Ratcliffe fin-nofs, irrisponda li taht il-firma tieghu l-email ma kienet tigi accettata.

Minn naha l-ohra viva voce Olaf Cini xehed illi kien jahdem ma' dan Ratcliffe u li kienu qeghdin jistennew xi delegazzjoni gejja minn barra. Xehed ukoll li ommu kellha cancer. Jghid li meta kellhom id-delegazzjoni gejja hu ried jiddiferixxi l-kawza. Qal illi Dr Busietta kien tah parir li jibghat e-mail biex ikun jista' jipprezenta rikors ghal differiment. Issa qal illi l-email kien ghamilha kif qallu Ratcliffe, kif idderigieh hu. Dan ghaliex skond Cini, Ratcliffe tant kien bniedem awtokratiku li xejn fl-ufficju ma kienx jigri jekk mhux bil-barka tieghu. Fil-fatt ir-rikors sar, id-differiment hadu. Qal illi anke talab differiment lill-Qorti biex jassisti lil ommu wara l-operazzjoni. Kien f'dan il-perjodu li kien anke jmissu jassisti lil ommu li kien cempillu l-Ispettur Gafa' u talbu li jkellmu. Ta x'jifhem ukoll illi kien ser jitkellem ma' l-Ispettur Gafa', bil-mod li kellha tithallas certa Anna Hattaway. Jghid illi hu kien qal lill-Ispettur Gafa' li dahlu l-exports, kien hawn illi l-Ispettur Gafa' irrabja mieghu. Qal illi kellu jhalli lil ommu d-dar u jmur id-Depot. Qal illi lill-Ispettur Gafa' kien qallu li dahlu l-emails ta' l-export. Qal illi hu hawn kien inkwetat hafna fuq ommu, allura ghamel l-statement biex ifittex imur lejn id-

dar u ma jhallix lil ommu wahidha. F’dan l-istadju issa qal illi verament l-email kitibha hu pero kkoregihielu Ratcliffe, umbaghad baghatuha lill-Avukat biex jintalab differiment.

Xehed illi Ratcliffe mhux talli bierek l-email, anzi kkoregieha. Xehed ukoll illi dan kollu seta’ jikkonfermah il-financial director Godfrey Formosa. Qal illi ma’ Ratcliffe seta’ jobdi biss. In kontro ezami dwar l-istqarrija qal illi dak li qal ghax kien under pressure ghax ommu kienet wahidha d-dar. Qal allura li fl-statement gibeb biex jitlaq lejn id-dar, dan ghaliex inkella l-Ispettur kien ser iressqu dak il-hin. Baqa’ jinsisti li ghamel hekk ghax kellu lil ommu wahidha d-dar. Mistoqsi kemm kienu qeghdin ahwa, wiegeb sitta, pero li hu biss kien guvni. Qal ukoll illi ghax ried Ratcliffe, l-email ghalkemm editja l-Ingliz, hu kellu anke jeditja s-sender, umbaghad jibaghatha lil Dr Busietta.

Minn naha tieghu Godfrey Formosa xehed u kkonferma li Ratcliffe kien qabbad lil Cini biex jaghmel email. Ikkonferma li kull email li kienet tohrog mill-ufficju kellha bil-fors tghaddi minn taht il-kunsens ta’ dan Ratcliffe. Jaf biss li Ratcliffe kien qabbad lil Cini jaghmel email ghax kienu gejjin xi barranin minn barra. Zied dan ix-xhud illi anke meta hu baghat email lil tal-familja bla ma ghaddiet minn taht Ratcliffe dan kien hatfu. Ikkonferma pero li kien hemm kawza tas-Sur Cini u li kienu gejjin xi barranin minn barra, u kellu jiddiferixxi l-kawza. Dan sar jafu x-xhud minghand Nick Ratcliffe stess. Xehed fil-fatt li Ratcliffe kien qallu li Cini kellu jinforma lill-Avukat biex jiddiferixxi l-kawza. Xehed ukoll illi hu ma kienx pero jaf bil-kontenut ta’ l-email, dwar il-posizzjoni finanzjarja ta’ Cini.

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta ghalhekk illi l-kwistjoni mertu ta’ din il-kawza hija email mibghuta mill-imputat lil Dr Busietta, dak iz-zmien l-Avukat Difensur tieghu, din biex tigi prezentata f’kawza li kienet qieghda tinstema’ minn Qorti diversament preseduta.

Illi gie tista' tghid ippruvat mix-xhieda ta' Cini u ta' Godfrey Formosa, illi d-Direttur tal-kumpanija li maghha kienu jahdmu, certu Nick Ratcliffe kien bniedem ferm awtokratiku, tant hu kien jikkontrolla kull email minnhom mibghuta. Fil-fatt Formosa xehed illi hu kien jaf bil-fatt li dan Ratcliffe ried lil Cini jibghat email lill-Avukat tieghu biex igib differiment fil-kawza msemmija, stante li kemm skond Cini kif ukoll skond Formosa kienu gejjin xi barranin minn barra u ghalhekk kien jinhtieg il-presenza ta' Cini.

Dan il-Qorti tista' temmnu. Pero l-email ezebita DOK A a folio 18, ma turix u ma tirrispekkjax dak li xehdu Cini u Formosa.

Cini fil-fatt insista li hu ried differiment minhabba li kienu gejjjin rapprezentanti minn barra. L-email ezebita tghid affarijiet ohra minn dan. L-email ezebita certament mhix wahda sancita minn dan il-bniedem ta' karattru awtokratiku kif gie deskritt Ratcliffe. Anzi hija attentat patetiku biex is-Sur Cini jinghata aktar zmien biex ihallas is-somma flus, u aktar patetika fl-attakk li ghandha fiha dwar il-media Maltija a paragon ma' dik tal-Gran Bretanja. Anzi kwazi din l-email tigglorifika lill-imputat Cini bhala vittma tal-media Maltija.

Certament din mhix l-email li fuqha viva voce xehed Cini u li dwarha kien jaf Formosa. Din ma hija xejn hlief email sa certu punt fil-kontenut taghha anke nfantili, mahsuba biss biex tqarraq lill-Qorti.

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikoli 187, 188, qieghda ssibu hati ta' l-istess. Issibu hati wkoll taht l-Artikoli 49 u 50 kollha tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li rat is-sentenzi ezebiti AG 2 (folio 20), AG 3 (folio 24) u l-verbal tad-Difiza folio 45.

Dwar il-piena rat ukoll l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' 10 xhur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------